MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## DOREEN CLARKE

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2011

Numru. 612/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Sammut)**

**vs**

**Jesmael Caruana**

Kumpilazzjoni Nru: 612/2011

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Jesmael Caruana, ta’ 20 sena, bin Jospeh u Jacqueline nee Borg, imwieled Pieta f’l-10 ta’ Settembru 1990 u residenti fil-fond numru 75, Blokk 5A, Flat 2, Triq is-Sur l-Isla, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 439990(M).

Akkuzat talli

1. Nhar is-26ta’ Marzu, 2011, ghal habta tat-3.30 ta’ wara nofsinhar, filwaqt li kien gewwa l-blokk Nru. 5A, li jinsab fi Triq is-Sur, gewwa l-Isla kkawza griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Patrick Zarb, liema ferita ggib debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-gisem jew mankament jew sfregju f’ wicc il-vittma, skond kif iccertifikat minn Dr Alfred Grech MD mic-Centru tas-Sahha ta’ Rahal Gdid u minn Dr Demajo
2. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hebb kontra l-persuna ta’ Patrick Zarb minn l-Isla sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmel hsara lil din il-persuna u dan ai termini ta’ l-artikolu 339 1(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-artikoli 216(1)(a)(b) u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat kunsens ta’ l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-uniku zewg persuni li setghu jitfghu dawl fuq l-incident in ezami u x’ gara ezattament dak in-nhar huma l-parte civile Patrick Zarb u l-imputat. Il-parte civile, kif kellu dritt jaghmel, ghazel li ma jixhidx stante li hemm proceduri pendenti fil-konfront tieghu dwar l-istess incident fil-waqt li l-imputat ukoll prevalixxa ruhu mid-dritt tieghu li ma jixhidx.

Illi l-prosekuzzjoni ma kellha l-ebda prova ohra, minbarra d-dokumenti esebiti, x’ tipproduci. Konsegwentement l-imputazzjonijiet ma gewx pruvati.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------